KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

TAS-SLIEMA

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SEBA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 2

It-tieni laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema inżammet il-Ħamis 19 ta' April 2012 fis-6:15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Silvio Zammit | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Vivienne Mary Galea Pace | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier (wasal fis-6 :20pm) |
| | Kristian Busietta | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Pierre Paul Portelli | Kunsillier |
| | Mary Camilleri | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati** | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |

## 1. APOLOĠIJI

1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (a/SE) informa li l-Kunsillier John Pillow kien bagħat jinfurmah li kien se jkun imsiefer fuq xogħol. Kopja tan-notifika tal-Kunsillier Pillow anessa f'A. Il-Kunsill qies ir-raġuni bħala ġustifikata. *John Pillow skużat.*

1.2 Il-Kunsill kien infurmat li l-Kunsillier Nicolai Gauci ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba li kellu t-tifel ma jiflaħx. L-a/SE informa li huwa ma kien irċieva l-ebda notifika mingħand il-Kunsillier Gauci. Huwa fakkar ukoll li jekk Kunsillier ma jkunx jista' jattendi għal-laqgħa għandu jinfurmah bil-miktub u jagħti r-raġuni għaliex ma jkunx jista' jattendi ħalli l-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi jekk in-nuqqas hux ġustifikat jew le. Il-Kunsill qabel li, kemm-il darba l-Kunsillier Gauci jibgħat jinforma bil-miktub għal dan in-nuqqas, iqis li kien ġustifikat. *Nicolai Gauci skużat.*

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu mequsa moqrija. Wara konsiderazzjoni il- *Minuti approvati.*

Kunsill approva l-minuti *nem con*.

2.2 F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Radmilli.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li kien hemm numru ta' talbiet għall-permessi għal attivitajiet u esprima l-ħsieb tiegħu li l-Kunsill kellu jiddeċiedi fuq kriterji kif dawn ikunu kkunsidrati mingħajr ma joqgħodu jitressqu quddiem il-Kunsill. Waħda mill-ewwel kriterji li rrakkomanda kienet li, dawk l-attivitajiet li kienu jsiru ta' kull sena kellhom ikunu approvati bl-istess kundizzjonijiet tas-soltu. Il-Kunsill qabel.

*Permessi għal attivitajiet minn terzi.*

3.2 Attività li kien hemm talba għaliha kienet Ladies Fun Run għall-20 ta' Mejju. Dawn kienu qed jitolbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex ikun hemm parteċipazzjoni mir-residenti. Il-Kunsill qabel li din tkun irriklamata li qed issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

*Ladies Fun Run.*

3.3 Tressqet talba minn Maltapost plc biex il-Kunsill jagħti l-kunsens tiegħu biex tkun tista' ssir rampa temporanja ma' binja fi Triq Sir Adrian Dingli f'kantuniera ma' Triq Gużè Howard li se tkun konvertita fi branka ta' Maltapost. Is-Sindku informa li, fuq rakkomandazzjoni tal-Perit tal-Kunsill Maltapost kienu mitluba jikkonfermaw jekk ikkonsidrawx alternattivi oħra minflok ir-rampa. Ir-risposta minn Maltapost plc għal dan kienet li konsidrat proposti oħra iżda ma kienx hemm alternattiva oħra. F'dan l-istadju l-Kunsill unanimament qabel li jagħti l-kunsens tiegħu bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm parkeġġ riservat u li l-awtorizzazzjoni hija speċifikament għal Maltapost minħabba li qed toffri servizz ta' benefiċċju għall-pubbliku.

*Rampa Maltapost plc fi Triq Sir Adrian Dingli.*

3.4 Kien hemm talbiet biex jitneħħew qsari kbar fi Pjazza Annunzjata. Il-Kunsill qabel li għandhom jitneħħew minħabba l-ħmieġ li qed jiġbru magħhom.

*Tneħħija ta' qsari minn Pjazza Annunzjata.*

3.5 Il-Kunsilliera Camilleri talbet lill-Kunsill jikkunsidra li jneħħi wkoll dawk il-qsari li hemm fuq il-*front*. Il-Kunsill però ma qabilx u minflok talab li għandhom jissebbħu.

*Qsari fuq il-*front.

3.6 Is-Sindku fakkar fl-offerta minn ELC ta' 250 qasrija bil-fjuri biex jitqassmu fid-djar. Kien hemm qbil unanimu biex dawn jitqassmu lill-parroċċi biex iqassmuhom lill-parruċani fl-istess triq u l-madwar tal-Knisja. Mal-parroċċi jkunu inklużi l-Knisja Anglikana kif ukoll St Patricks.

*Offerta ta' 250 qasrija minn ELC.*

3.7 Is-Sindku informa li kien hemm talba biex jitpoġġa *carousel* f'Għar id-Dud. Il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti u jiddeċiedi fuq kriterji ċari fil-laqgħa li jmiss.

*Applikazzjoni għal Carousel f'Għar id-Dud.*

3.8 L-a/SE spjega dwar ir-rapporti minn MCCAA dwar il-bandli u li dawn ma jistgħux jitħallew mingħajr azzjoni la darba jkun stabbilit li hemm element ta' periklu f'uħud mill-apparat. Is-Sindku informa li kien niżel fil-post biex jara xi jrid isir filwaqt li ddiskuta ma' *supplier* biex il-Kunsill ikollu idea tal-ispiża li hemm involuta. L-a/SE informa li l-Kunsill preċedenti kien applika għal €35,000 taħt l-iskema tal-*playing fields* madanakollu ma jfissirx li l-Kunsill se jieħu kemm talab. Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ sejħa għall-offerti. L-a/SE talab li jkollu informazzjoni dwar x'apparat kien meħtieġ.

*Irranġar tal-bandli.*

3.9 Il-Viċi Sindku ippropona li għandha tintalab sponsor mingħand Play Mobil. Il-Kunsillier Busietta ħeġġeġ lill-Kunsill biex jattrezza b'apparat li jkun addattat għall-persuni bi ħtieġijiet speċjali. Il-Kunsill qabel li din jinkludiha fl-offerti li jinħarġu għall-apparat. Il-Viċi Sinkdu ippropona li jkun hemm tliet siti għal persuni bi ħtiġijiet speċjali. *Talba lil Play Mobil għal sponsor ta' bandli.*

3.10 Kien hemm talba mingħand is-Soċjetà Filarmonika Stella Maris biex issir attività konġunta mal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel li attivitajiet konġunti ma' soċjetajiet lokali għandhom ikunu inkoraġġiti iżda għandu jkun kawt kemm spejjeż jonfoq għall-attivitajiet simili. Il-Kunsill qabel li għandu jimxi fuq l-istess deċiżjoni relatata tal-Kunsilli preċedenti. *Talba għall-permess għal attività mis-Soċjetà Filarmonika Stella Maris.*

3.11 Is-Sindku semma wkoll li attività oħra li kellha ssir kienet mill-Parroċċa Sacro Cuor bħala 'Spring Fest' fi tmiem l-ewwel ġimgħa ta' Mejju. *Spring Fest – Sacro Cuor.*

3.12 L-a/SE informa li TCTC kien bagħat l-awgurju tiegħu lill-Kunsill il-ġdid filwaqt li elenka numru ta' servizzi/korsijiet li jistgħu isiru f'kollaborazzjoni bejniethom kif isiru ma' Kunsilli Lokali oħra u anki mal-Kunsill Lokali Tas-Sliema fil-passat. *Awguri minn TCTC.*

3.13 Sadanittant kien hemm proposta minn TCTC għall-korsijiet iKids. Il-Kunsill qabel li joffri dawn il-korsijiet bl-ispiża tkun ta' €1,100 *Korsijiet iKids.*

3.14 Tressqet talba mis-Sliema Aquatic Club biex il-Kunsill ikun parteċipi f'okkażjoni speċjali ta' għeluq il-mitt sena mit-twaqqif ta' dan il-club. Għal din l-okkażjoni kien qed ikun propost li l-Kunsill jippubblika ktejjeb għal din l-okkażjoni bl-istorja ta' dan il-klabb. L-ispejjeż jinqasmu billi l-Kunsill iħallas għall-istampar u d-disinn filwaqt li l-klabb jieħdu ħsieb jiġbru u jikkompilaw il-materjal kollu flimkien mal-ispejjeż kollha marbuta mar-riċerka. Il-Kunsill qabel li din hija okkażjoni speċjali u li għandha rabta speċjali mal-istorja ta' Tas-Sliema u għalhekk mhux biss għandu jkollu sehem iżda għandu jħeġġeġ biex riċerka u pubblikazzjoni ta' dan it-tip, li jiffurmaw l-istorja tal-lokali, għandhom ikunu inkoraġġiti. Il-Kunsilliera Aquilina appellat biex il-Kunsill ikun kawt biex ma jispiċċax il-finanzi minn taħt. Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jalloka s-somma ta' bejn €2000 u €2500 għal dan l-iskop. *Ċentinarju mis-Sliema Aquatic Club – parteċipazzjoni mill-Kunsill fi ktejjeb tal-okkażjoni.*

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' XIRI

4.1 L-a/SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti. Meta kien mistoqsi fuq pagament li sar lil Advanced Telecommunications huwa spega li l-Kunsill preċedenti kien daħal għal ftehim li kien imur kontra r-regolamenti finanzjarji. Minkejja li kienu saru diversi taħdidiet kif il-Kunsill jista' jkun fl-ordni, kien biss ftit ġimgħat qabel li kien instab mezz kif il-Kunsill jinħall mill-kuntratt mingħajr ma jkun qiegħed kontra r-regolamenti għal ħames snin sħaħ (il-perijodu kollu tal-kuntratt). Dan però kien wassal li l-Kunsill jeħel penali talli inħall mill-kuntratt qabel iż-żmien. *Skeda ta' pagamenti.*

4.2 L-a/SE sadanittant spjega kif il-Kunsill kien se jkun qiegħed jiffranka ammonti kbar ta' karti wara proċedura ġdida ta' *filing* li kien addotta ftit ġimgħat qabel. Kien qiegħed jikkalkula li kellhom ikunu iffrankati madwar 75% tal-karti. *Irrankar ta' karti.*

4.3 L-a/SE informa li, fid-dawl li l-kuntratt fuq il-photocopier kien ġie tterminat, kien hemm bżonn ta' scanner. Huwa kien għadda d-dettalji tiegħu lill-Kunsillier *Xiri ta' scanner.*

Portelli minħabba li kien tekniku dwar apparat tal-kompjuter u ta rakkomandazzjoni favorevoli. Il-Kunsill qabel li jinxtara l-iscanner bi spiża ta' €560.

4.4 L-a/SE informa li fil-Kumitat tat-Tmexxija, meta kien tressaq il-kont tal-użu tal-iskola għall-korsijiet tal-life-long learning, kien tqajjem il-punt li l-iskola ma kelliex titlob ħlas lill-Kunsill. Madanakollu d-Dipartiment kien appella lill-Kunsill biex iħallas għaliex dak kien parti mill-ftehim taħt l-iskema. Il-Kunsill imbagħad qabel li jitħallsu l-pagamenti kif imressqa inklużi dawk tal-iskola primarja. Kopja tal-iskeda tal-pagamenti hija annessa f'B. *Ħlas lill-Iskola Primarja.*

## 5. APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS VERIFIKATI

5.1 L-a/SE spjega li għalkemm il-*financial statements* tas-sena 2011 kienu ġew approvati mill-Kumitat tat-Tmexxija, dan kien qabel ma ġew verifikati. Kompla spjega li hija normali li, wara li ssir il-verifika, jkun hemm xi aġġustamenti u għalhekk ikun hemm il-ħtieġa li jkunu approvati mill-ġdid wara l-aġġustamenti. L-a/SE informa li bl-aġġustamenti is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill xorta waħda hija tajba. *Approvazzjoni Financial Statements verifikati.*

5.2 L-a/SE informa li l-Accountant tal-Kunsill xtaq ħafna li jkun preżenti biex jispjega u jwieġeb mistoqsijiet li jista' jkun hemm, kif normalment jagħmel, madanakollu kien laħaq ippjana vjaġġ barra l-pajjiż u għalhekk kienet impossibbli li jkun preżenti. Madanakollu offra li jkun jista' jattendi f'laqgħa futura biex jispjega s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill f'aktar dettall. Il-Kunsill laqa' din il-proposta u għalhekk qabel li din issir fil-laqgħa li jmiss. *Laqgħa mal-accountant.*

5.3 Il-Kunsill imbagħad approva l-*financial statements* kif aġġustati.

## 6. L-IMPJIEG TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

6.1 Is-Sindku informa li kienet żviluppat il-possibiltà li jinstab Aġent Segretarju Eżekuttiv ieħor tajjeb u li kien jista' jkun fuq bażi ta' *full time*. Dan sakemm ikun impjegat Segretarju Eżekuttiv permanenti. Madanakollu huwa ma kienx f'pożizzjoni li jagħti aktar informazzjoni f'dak l-istadju iżda wiegħed li, kif ikollu aktar informazzjoni, tkun ikkomunikata mal-membri kollha.

## 7. KUNTATT MILL-QRIB MAR-RESIDENTI

7.1 Il-Kunsill qabel li għandu jsir dak kollu possibli biex jinżamm l-aħjar kuntatt mar-residenti.

7.2 Il-Kunsillier Portelli ressaq diversi rakkomandazzjonijiet li kienu approvati. L-ewwel approvazzjoni kienet biex il-fuljett tal-Kunsill jibqa' jkun ippubblikat erba' darbiet fis-sena u li għal din is-sena għandhom ikunu ppubblikati fl-aħħar ta' Mejju, fl-aħħar ta' Settembru, fl-aħħar ta' Novembru u fl-aħħar ta' Frar 2013. Kull Kunsillier għandu jagħti l-kontribut tiegħu permezz ta' messaġġ ta' bejn 300 u 400 kelma li jkun jitratta r-responsabbiltà li ġie fdat biha. Il-ħarġa li jmiss trid tkun lesta għall-istampar sal-20 ta' Mejju filwaqt li l-Kunsillieri għandhom jibgħatu l-kontribuzzjoni tagħhom sa mhux aktar *Fuljett tal-Kunsill.*

tard mit-3 ta' Mejju. Il-Kunsill qabel ukoll li jikkonsidra li jibda jistampa l-fuljett fuq karta riċiklata biex ikun ta' eżempju.

7.3 Il-Kunsill approva wkoll li, minħabba li r-ritratt meħud fil-Berġa ta' Kastilja ma kienx jinkludi lill-Kunsillier Pillow, kellu jittieħed ritratt ieħor nhar is-Sibt 5 ta' Mejju 2012 fl-10:30am fi Ġnien l-Indipendenza. *Ritratt tal-Kunsill.*

7.4 Il-Kunsill qabel li għandu jippubblika sejħa għall-offerti għall-website. Din għandha tinkludi blog biex kull Kunsillier ikun jista' jikteb fuqu. Kull artiklu, qabel ikun impoġġi, jkun iċċekkjat mill-Kunsillier responsabbli mir-relazzjonijiet pubbliċi, f'dan il-każ il-Kunsillier Portelli, li jkollu dritt li jżomm il-pubblikazzjoni ta' artiklu f'każ li jkun kontra l-linja tal-Kunsill u/jew libelluż. Appena titħabbar id-data ta' elezzjoni, jew xahar qabel l-elezzjoni tal-Kunsill, il-blog jingħalaq. *Website tal-Kunsill.*

7.5 Il-Kunsill approva wkoll li jkollu l-paġna uffiċċjali tiegħu tal-Facebook. L-amministraturi tal-paġna jkunu s-Segretarju Eżekuttiv (SE), persuna mill-amministrazzjoni li jiddelega s-SE u l-Kunsillier responsabbli mir-Relazzjonijiet Pubbliċi. *Paġna fuq Facebook.*

7.6 Il-Kunsill approva wkoll li eventwalment jikkonsidra li fejn ikun hemm għeluq ta' toroq jibda jibgħat sms's lil dawk kollha li jabbonaw għal dan is-servizz. *Informazzjoni tal-Kunsill bl-sms.*

## 8. IX-XELTER TA' DINGLI CIRCUS

8.1 Is-Sindku informa li, b'relazzjoni tas-suġġett għad-diskussjoni, u fid-dawl li kien elett is-Sur John Pillow fil-Kunsill, ħass li kellu jagħmel tibdila fir-responsabbiltajiet tal-Kunsillieri wara li kkonsulta mal-Kunsillieri involuti. Il-Kunsill għalhekk qabel li l-Kunsillier Busietta jieħu r-responsabbiltà tas-siti storiċi filwaqt li l-Kunsillier Briguglio jieħu f'idejh l-edukazzjoni. *Tibdil ta' responsabbiltajiet tal-Kunsillieri.*

8.2 Il-Kunsillier Busietta spjega lill-Kunsill id-dettalji ta' kif il-Kunsill kien applika biex jirrestawra x-xelter filwaqt li jinkludi wkoll *interpretation centre.* Kien hemm applikazzjoni għall-fondi tal-UE li kienet ġiet rifjutata filwaqt li kien hemm ukoll applikazzjoni quddiem il-MEPA li aktarx kienet se tkun rifjutata. Dwar tal-aħħar kien hemm ilmenti mir-residenti kontra l-applikazzjoni li kien għamel il-Kunsill. *Restawr tax-xelter.*

8.3 Il-Kunsillier Busietta kompla spjega li l-ispiża kif kien ippjanat il-proġett kollu, li għalih il-Kunsill talab il-fondi mill-UE, kienet kbira ħafna u għalhekk kien inutli li l-Kunsill ikompli jinsisti mal-MEPA favur l-applikazzjoni. Huwa għalhekk, wara konsultazzjoni ma' għaqdiet lokali, seta' jippreżenta proġett ta' restawr li jiswa ftit aktar minn €10,000. Wara dan il-Kunsill ikun jista' jasal f'arranġament ma' għaqda lokali biex timmaniġġjah.

8.4 Il-Kunsill għalhekk qabel li jibda l-proċess għad-devoluzzjoni wara li jkun ġie mħejji pjan għar-restawr u l-immaniġġjar tax-xelter. *Devoluzzjoni tax-xelter.*

## 9. PROGRAMM TA' XOGĦLIJIET TA' BANKINI

9.1 Is-Sindku informa li kien hemm il-ħtieġa li ssir sejħa għall-offerti mill-ġdid għal xogħol ta' bankini minħabba li dak ta' qabel kien skada.

9.2 Il-Kunsill għalhekk kellu jidentifika bankini li kellhom bżonn rikostruzzjoni biex titħejja lista ta' prijoritajiet li fuqha l-Kunsill ikun jista' jħejji l-programm tax-xogħlijiet.

*Identifikazzjoni ta' bankini li jeħtieġu tiswija.*

9.3 Sadanittant il-Kunsill kien infurmat li l-kuntratt tal-kisi tat-toroq jiskadi f'Settembru li ġej.

9.4 Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jibda l-ewwel xogħlijiet fejn hemm il-knejjes għaliex l-aktar frekwentati. Madanakollu l-Kunsill qabel li l-ewwel għandha titħejja l-lista u x-xogħol jimxi skont il-prijoritajiet.

## 10. IL-KAŻ TA' STEPHEN BUHAGIAR

10.1 Is-Sindku spjega kif kien hemm il-każ ta' Stephen Buhagiar li kien qiegħed quddiem l-arbitraġġ minħabba li kien qiegħed jikkontesta deċiżjoni tal-Kunsill preċedenti meta tterminali l-kuntratt. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill ikompli għaddej bl-arbitraġġ iżda xorta waħda jsiru diskussjonijiet bla preġudizzju.

*Arbitratt ma' ex-kuntrattur – Contract's Manager.*

10.2 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li m'għandhom jinżammu l-ebda diskussjoni mas-Sur Buhagiar u jistenna biss l-eżitu tal-arbitraġġ.

## 11. SOSPENSJONI TAL-AĠENDA

11.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jissospendi l-aġenda biex ikun jista' jiltaqa' mas-Sinj. Sharon Farrugia minn MEUSAC. Il-ħin kien it-8:30pm.

*Laqgħa ma' MEUSAC.*

11.2 Il-laqgħa tkompliet eżatt wara l-laqgħa mas-Sinj. Farrugia fid-9:25pm.

## 12. PERMESSI GĦAL ŻVILUPP

12.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien qiegħed jiffaċċja ammont ta' applikazzjonijiet għall-żvilupp mal-MEPA u li wieħed kien jistenna li l-Kunsill jevalwa u jikkummenta dwarhom. Madanakollu l-Kunsill ma kienx tekniku dwar dan ix-xogħol u għalhekk kien meħtieġ li jkollu konsultenti għal dan ix-xogħol.

*Konsulenza fuq permessi għand il-MEPA għal żvilupp f'Tas-Sliema.*

12.2 L-a/SE informa li huwa kien ilu snin kbar, kemm fil-Kunsill Lokali Iklin u anki fin-Naxxar jesperjenza tali servizzi. Huwa kien jirrakkomanda ħafna dawn it-tip ta' servizzi u infatti l-prattika hija li, kif jikkummentaw il-konsulenti, l-amministrazzjoni tibgħat il-kummenti lill-MEPA. B'dan il-mod il-Kunsill ikun qiegħed jaċċerta li qed jimxi b'mod professjonali u ma' kulħadd l-istess mod.

12.3 Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel sejħa għal dan it-tip ta' servizz. *Sejħa għall-offerti.*

## 13. RESPONSABBILTAJIET GĦALL-KUNSILLIER JOHN PILLOW

13.1 Fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsillier il-ġdid John Pillow għandu jkun responsabbli mill-ġonna, *playing fields,* manutenzjoni tal-*promenade* u l-latrini.

## 14. IT-TINDIF U L-ĠBIR TAL-ISKART

14.1 Il-Kunsillier Briguglio tkellem dwar il-problemi li jkellmuh dwarhom ir-residenti dwar il-ġbir ta' skart. Huwa appella biex il-Kunsill jagħmel xi ħaġa dwar dan. Huwa semma wkoll li qiegħed ikun hemm problemi partikularment fejn l-iskejjel tal-lingwi aktarx kaġunati mill-istudenti barranin. Huwa ppropona li l-Kunsill għandu jikkonsidra li jinstalla aktar *litter bins.* *Problemi dwar ħmieġ u skart.*

14.2 Is-Sindku informa li kellu laqgħa ma' uffiċjali mid-Dipartiment tas-Servizzi tal-Indafa (CSD) fejn iddiskuta titjib fis-servizz u għajnuna għal inizjattivi mill-Kunsill. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-a/SE u l-Kunsillier Radmilli. *Laqgħa ma' CSD.*

14.3 Is-Sindku tkellem dwar il-ħsieb tiegħu, li kien diġà esprimih mal-Kunsillieri, li l-Kunsill jorganizza kampanja intensiva ta' indafa. Dwar dan tkellem ukoll mal-uffiċjali ta' CSD fejn offrew kull għajnuna possibli, anki permezz ta' għodda għat-tindif biex jintużaw mir-residenti u voluntieri waqt attivitajiet ta' tindif bħala parti mill-kampanja. *Kampanja ta' Indafa.*

14.4 Kien hemm qbil li ssir laqgħa speċifikament dwar dan nhar il-25 ta' April fis-6:30pm. Il-laqgħa u l-kampanja tkun ikkordinata mill-Kunsillier Busietta għalkemm se tkun meħtieġa l-għajnuna u l-kollaborazzjoni ta' kulħadd biex din il-kampanja tħalli r-riżultati mixtieqa.

## 15. TMIEM IL-LAQGĦA

15.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li għandu jtemm il-laqgħa. Il-ħin kien id-9:37pm.

15.2 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 3 ta' Mejju fis-6pm. *Data tal-laqgħa li jmiss.*

Minuti approvati llum 3 ta' Mejju 2012.

| | |
|---|---|
| **Anthony Chircop** | **Paul Gatt** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |